# **Għaliex inħobb lil Miċa (1)** (miktub fis-sitt sena tal-Primarja)

Il-qtates huma ħlejjaq ħelwin, iżda mhux kulħadd iħobbhom. Sa ftit taż-żmien ilu lanqas jien ma kont inħobbhom, iżda …

Darba waħda, hekk kif kont ġejja mill-iskola, smajt lil xi ħadd jingħi. Jiena kont kurjuża u dort biex nara min kien. Hekk kif dort, quddiem wiċċi rajt qattusa. Kienet maħmuġa. Għall-ewwel kont se nibqa' sejra għax il-qtates kienu jdejquni, iżda hekk kif rajtha f'dik ir-rokna tħassartha, tassew ġietni ħniena minnha.

Kienet bil-ġuħ u għalhekk ħadtha miegħi d-dar. Malli dħalt staqsejt lill-ġenituri jekk stajtx inżommha għax veru kienet missitli qalbi dik il-qattusa. Il-ġenituri tiegħi mill-ewwel aċċettaw u pront mort nitmagħha. Iddeċidejt li nsemmiha Miċa.

Miċa hija kollox għalija. Għandha għajnejha kbar qishom żewġ boċċi u l-'fur' tagħha huwa kannella ċar. Jiena nħobb lil Miċa għax hija qattusa ħelwa u tħobb titfissed. Inħobbha wkoll għax hi tħobb lili. Tant hu hekk li kull meta niġi lura mill-iskola hija tiġi ma' saqajja u togħla miegħi.

Bis-saħħa ta' Miċa issa sirt inħobb lill-qtates. Miċa hija u tibqa' l-aqwa ħabiba tiegħi. Ma nafx kif qabel ma kontx inħobbhom lill-qtates. Imma issa nbdilt għal kollox u x-xewqa tiegħi hi li Miċa tibqa' dejjem miegħi biex noqgħod infissidha u mmelsilha l-'fur' sabiħ tagħha.